

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.7409 — Apollo Management/Companhia De Seguros Tranquilidade)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2014/C 368/13)

1. Fid-9 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-affiljati ta' Apollo Management LP ("Apollo", l-Istati Uniti), jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ ta' Companhia de Seguros Tranquilidade, SA u l-affiljati tagħha ("il-Grupp Tranquilidade", il-Portugall), permezz tax-xiri tal-ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - l-affiljati ta' Apollo jinvestu f'kumpaniji u dejn maħruġ minn kumpaniji involuti f'bosta negozji madwar id-dinja. Eżempji tal-investimenti ta' bħalissa jinkludu, fost l-oħrajn, kumpaniji fin-negozji tal-kimika, il-kruċiri, il-loġistika, il-karta, u l-metalli,
 - il-Grupp Tranquilidade jipprovdi prodotti u servizzi tal-assigurazzjoni, kemm fis-segmenti tal-ħajja kif ukoll le. Il-kumpanija hija bbażata f'Liżbona, il-Portugall u topera l-aktar fil-Portugall.
3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 jjiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), bil-posta elettronika lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7409 — Apollo Management/Companhia De Seguros Tranquilidade, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.